MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 301/2014

**Wara l-Ittra Ufficjali numru 1783/2014**

**Fl-ismijiet:**

**United Acceptances Finance Ltd (C360)**

**vs**

**Ruben Galea u RB Motors Ltd (C33275)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Ruben Galea f'ismu personali u ghan-nom tas-socjeta' RC Motors Ltd (C33275) li gie pprezentat nhar it-28 ta' Awwissu 2014 fejn ippremetta:

*"Illi r-rikorrenti ezekutat gie nnotifikat b'ittra ufficjali fl-ismijiet premessi li permezz taghha s-socjeta' United Acceptances Finance Ltd talbet li tirrendi ezegwibli tlettax-il kambjala mahruga fil-konfront tal-esponenti;*

*Illi r-rikorrenti ezekutat qieghed jaghmel dan ir-rikors ai termini ta' Artikolu 253 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jopponi u jitlob is-sospensjoni, stante li hemm ragunijiet gravi u serji ghalfejn tali esekuzzjoni m'ghandhiex tithalla;*

*Illi skond ir-rikorrenti ezekutat, l-ittra ufficjali mibghuta mis-socjeta' ezekutanti hija nulla u dan stante li ma hemmx indikat fiha d-dritt mghoti lir-rikorrenti ezekutat bid-drittijiet kollha mghotija lilu u cioe' li huwa jista' jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni minhabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx taghha jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni;*

*Illi Artikolu 253(e) ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipola car illi taht piena ta' nullita' ghandu jkun hemm indikat fuq l-ittra ufficjali dan id-dritt, ghalhekk fin-nuqqas ta' dan, dik l-ittra ufficjali ghandha, skond l-esponenti, titqies bhala nulla;*

*Illi in oltre l-procedura adotta mis-socjeta' ezekutanti hija wahda straordinarja, peress illi bil-mezz tal-ittra ufficjali tista' tghaddi sabiex tottjeni titolu ezekuttiv w ghalhekk m'ghandhiex tigi mhollija li tiddevja bl-icken mod mill-procedura u minn dak rikjest mill-istess Artikolu taht liema qieghda tipprezenta l-ittra ufficjali taghha u cioe' Artikolu 253(e);*

*Illi skond l-Artikolu 253(e) wiehed jista jopponi l-ezekuzzjoni f'kaz li l-firma fuq il-kambjali ma tkunx tal-persuna mharrka jew tal-mandatarju taghha;*

*Illi kif jidher mill-kambjali annessi mal-ittra ufficjali l-kambjali huma mahruga fuq certu Rebecca Debono u certi David Debono u Yvette Debono li agixxew bhala garanti in solidum filwaqt li isem u l-firma tal-esponenti ma tiffigura imkien u wisq inqas tali persuni kienu qieghdin jagixxu bhala mandatarji tal-esponenti w ghalhekk tali kambjali qatt ma jistghu ikollhom effett fil-konfront tal-esponenti stante li ma jirreferux ghall-esponenti u lanqas ma huma ffirmati mill-esponenti jew il-mandatarji tieghu;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali ndikati fl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, bin-numru 1783/2014, bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' ezekutanti."*

Rat illi s-socjeta' intimata kienet giet notifikata bir-rikors promotur nhar id-14 ta' Novembru 2014 (fol. 5 tergo).

Semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' intimata tiddikjara fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2014 li hija sejra tirtira l-Ittra Ufficjali numru 1783/14 prezentata fir-

Registru ta' din il-Qorti fl-ismijiet 'United Acceptance Finance Limited vs Ruben Galea u RB Motors Ltd' u tiddikjara li tali Ittra Ufficjali hija bla effett u in oltre li ma kinitx se titlob l-ezekuzzjoni ta' dik l-ittra ufficjali.

Il-partijiet talbu li dan ir-rikors jithalla ghas-sentenza.

**Il-Qorti rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2014 u rat ghalhekk illi ghandha tilqa' t-talba rikorrenti, b'dan illi qieghda tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali ndikati fl-Ittra Ufficjali numru 1783/14, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------